**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 117/2022**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Anna Vella**

Illum, id-9 ta' April 2024

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil **Anna Vella**, bint Lawrence u Carmela xebba Vella, imwielda Naxxar nhar it-18 ta' Otubru, 1958, residenti gewwa l-fond bin-numru 158, 'Casa Vella', Triq id-Dawr, Mosta u detentrici tal-karta tal-identita' 665458M

U akkazatha talli nhar il-25 ta' Jannar, 2022, u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula minnek fi zminijiet u postijiet

differenti, li jiksru l-istess dispozizzioni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzioni wahda:

1. Gieghelt annimali jsofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, zammejt jew qbilt li zzomm annimali minghajr ma kont responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, inqast milli tiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet tal-annimal li int kont responsabbli ghalihom, jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost ohrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imgieba normali taghhom, provvista ta' akkomodazzoni xierqa u protezzjoni minn ugiegh, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi abbandunajt kelb f'post pubbliku minghajr ma kont mieghu u dan bi ksur tas-subregolament 2 tar-regolament 6 tal-legislazzioni sussidiaria 437.101;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ippermettejt kelb jiggerra b'mod liberu fit-toroq pubblici u dan bi ksur tas-subregolament 1 tar-regolament 5 tal-legislazzioni sussidjarja 439.21

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tipprojbixxi lill imputata milli zzomm annimali jew milli tirrisjedi f'post

fejn jinzammu l-annimali ghal dak iz-zmien li jista jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez imgarrba ghat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess mahrug ghall-operat ta' kull attività regolata taht l-Att 439 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal spejjez ohra ragonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bhala rizultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2022 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar is-16 ta' Mejju 2023.[3]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar it-23 ta' Ottubru 2023.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

---

[1] Folio 11 ta' l-atti processwali
[2] Folio 10 ta' l-atti processwali
[3] Folio 76 ta' l-atti processwali
[4] Folio 100 ta' l-atti processwali

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz jikkoncerna allegati nuqqasijiet u traskuragni fil-mod kif l-imputata Anna Vella kienet tikkura l-kelb taghha tat-tip Fox Terrier. L-allegazzjonijiet jinkludu li l-kelb kien jithalla jiggerra barra wahda, li mhux mitbugh tajjeb u li kellu ghadd ta' kundizzjonijiet ta'sahha li ma kienux gew indirizzati medikament.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**Daniel Carmel Briffa**, ufficjal tal-Animal Welfare Departement xehed fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2022[5]. F'Jannar 2022 huwa kien gie mgharraf mid-Direttur tieghu li kien ingabar kelb mit-triq fil-Mosta minhabba li kien ilu jdur barra. Irrizulta mill-microchip li s-sid kienet certu Anna Vella. Wara li l-kelb gie ezaminat mill-veterinarji, hareg li kien kwazi nieqes mill-vista u ghalhekk, kien probabbilment difficli ghalih li jinduna li tkun gejja xi karozza. In-nuqqas ta' vista kien tant gravi li anke gewwa, kien jahbat mal-affarijiet huwa u miexi. Kellu ukoll sinjali ta' artrite. In kwantu ta' eta`, din ma kienitx certa izda kien car li l-kelb kien adult. Ix-xhud ipprezenta kopja ta' rapport veterinarju, fattura

[5] Fol. 12-14 tal-atti processwali

kif ukoll tal-kwerela li saret mid-Dipartiment fil-konfront tal-imputata. In kontro-ezami sjega li huwa ibbaza x-xhieda tieghu fuq dak li gie certifikat mill-veterinarji.

Fl-istess seduta xehdet **Marie Louise Arpa**[6], li tahdem bhala kuntrattur estern mal-Animal Welfare Department. Spjegat li irciviet telefonata minghand habiba taghha li hija voluntiera mal-annimali fejn qaltilha li kienet ghadha kemm gabret kelb tar-razza Fox Terrier mill-Mosta minhabba li kien jidher debboli, mifxul u bezghet li kienet ser ittajru karozza. Meta ghaddiet ghall-kelb, ix-xhud indunat li kien kwazi ghami u li kellu problemi f'halqu. Wara li kkonsultat mad-Dipartiment, inghatat direzzjoni li l-kelb jittiehed l-isptar tal-annimali biex jigi determinat jekk hux kaz ta' medical neglect. Ix-xhud tkellmet mat-tifla tal-imputata li kkonfermat li l-kelb kien taghhom u kienu jhalluh johrog idur u imbaghad jirritorna d-dar. Qalet ukoll li ommha, l-imputata, ma setghetx tohrog tmexxih minhabba li kellha ugiegh f'saqajha u ghalhekk, thallih johrog wahdu. Identifikaw lis-sid minhabba li l-kelb kien microchipped u kisbu n-numru telefoniku tal-imputata. Meta x-xhud tkellmet mal-imputata, ghax ghaddietha t-tifla, din bdiet tghajjarha u tinsinwa li kienu serqu l-kelb. In kontro-ezami ikkonfermat li l-post fejn instab il-kelb kien vicin id-dar tal-imputata. Spjegat li meta cemplet lill-imputata fuq in-numru registrat fil-microchip, kienet mill-ewwel identifikat ruha u li l-kelb kien ghand l-Animal Welfare Department. Ix xhud giet riprodotta fis-seduta tas-7 ta' Frar 2023[7]. Ikkonfermat li r-ritratti ezebiti a Fol. 61-65 kienu gew mghoddija lill-Animal Welfare Department minn xi *"cittadini koncernati"* partikolarment ghax jidher jiekol miz-zibel. Tghid li wara li ntbaghat is-santwarju tal-annimali, il-kelb ghamel progress kbir.

---

[6] Fol. 23-30 tal-atti processwali

[7] Fol. 72-74 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Lawrence Spiteri**[8], ufficjal tal-Animal Welfare Department. Spjega li fil-25 ta' Jannar 2022 kien xoghol fuq barra u cemplet certu Maria Pia u qalet li sabet kelb tar-razza Fox Terrier jigri barra fl-inhawi tal-Buqana, Il-Mosta. Irrikorrew fuq il-post u gabru lill-kelb. Mill-microchip irrizulta li s-sid kienet certu Anna Vella u l-kondizzjoni tal-kelb ma kienitx wahda tant tajba. Wara li rcevew struzzjonijiet minghand id-Direttur, il-kelb ittiehed fl-APH Animal Hospital, Ta' Qali. Fil-fehma tax-xhud il-kelb kien vizibbilment batut ghax kien ma jarax, halqu mugugh u kellu anke` diffikulta` joqghod sew fuq saqajh. In kontro-ezami spjega ulterjorment li mill-microchip tal-kelb id-Dipartiment jista' jasal ghal informazzjoni dwar min huwa s-sid registrat.

**Vincent Ciantar**, volunteer mal-Animal Welfare Department, xehed fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2022[9]. Jghid li kien ircieva telefonata minghand voluntiera ohra habiba tieghu li jisimha Maria Pia, li talbitu biex imur joqghod mal-kelb in kwistjoni fil-Mosta sakemm jaslu l-ufficjali tal-Animal Welfare Department. B'kollox ghamel madwar 10 minuti mal-kelb u innota li meta pprova jmisslu halqu, il-kelb beda jinghi, sinjal li kien mugugh. In kontro-ezami spjega li waqt li kien mieghu hu, il-kelb deher imbezza' u deher li snienu kienu qishom imhassrin u kien pjuttost mahmug.

Fl-istess seduta xehdet il-veterinarja **Dr Maria Karagouni**[10] minn APH Animal Hospital. Hija kienet ezaminat il-kelb in kwistjoni bhala kaz tal-emergenza wara li ddahhal minn ufficjali tal-Animal Welfare Department. Minn ultrasound tal-abdomen ma rrizulta xejn barra minn normal. Fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment kienet ghamlet testijiet tad-demm fuq il-kelb. Minn dak li rat hi, irrizulta li l-kelb kien pjuttost matur mill-eta` u kellu snien imhassra u

---

[8] Fol. 31-33 tal-atti processwali
[9] Fol. 38-41 tal-atti processwali
[10] Fol. 42-45 tal-atti processwali

katarretti fiz-zewg ghajnejn izda mill-bqija, kien mitmugh sewwa u taghtu evalwazzjoni tal-kondizzjoni ta' 3/5. It-testijiet tad-demm u tal-awrina li saru ma indikaw xejn notevoli. Il-kleb eventwament gie mhgoddi lura lill-Animal Welfare Department. In kontro-ezami, ix-xhud spjegat li l-kelb ghandu 11-il sena u li il-life expectancy tar-razza fox terrier hija approssimattivament 12-il sena. Ipprezentat kopja tar-rapport mediku.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2022 xehdet **Martha Gatt**[11], ufficjal tal-Animal Welfare Department, li spjegat li minn ricerka li hija ghamlet mis-sistema tad-Dipartiment, l-imputata Anna Vella ma ghandha l-ebda annimali registrati fuq isimha.

Fl-istess seduta xehed **Aaron Mifsud Grech**[12]. Ikkonferma li l-mara tieghu Ilona Mifsud Grech ghamlet rapport mal-Animal Welfare Department minhabba li kienu nnutaw il-kelb in kwistjoni ta' sikwit idur barra fil-Mosta fi stat mahmug ghalkemm kellu kullar. Ikkonferma li l-kelb in kwistjoni huwa dak li jidher f'ritratti mtella' fuq Facebook mill-mara tieghu (Fol. 63-65). In kontro-ezami ikkonferma li f'dawk ir-ritratti l-kelb jidher nadif izda sahaq li kien hemm okkazjonijiet ohrajn li huwa rah vizibbilment mahmug.

Fl-istess seduta xehed **Daniel Briffa**[13], Head of Enforcement mal-Animal Welfare Department li pprezenta korrispondenza bl-imejl kif ukoll ritratti.

Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2023 xehdet **Iona Mifsud Grech**[14] li spjegat li hija kienet innutat il-kelb in kwistjoni jdur fl-inhawi ta' fejn toqghod u eventwalment, kienet hadet in-numru tas-sid minn mal-kullar Ii kien ikun liebes il-kelb izda kull meta ppruvaw icemplu fuq dak in-numru, hadd ma kien

[11] Fol. 51-52 tal-atti processwali
[12] Fol. 53-55 tal-atti processwali
[13] Fol. 56-58; 66-68 tal-atti processwali
[14] Fol. 78-80 tal-atti processwali

jaqbad jew inkella jghidu "dak il-kelb mhux taghna". Innotta li l-kelb kien ikun jidher maghdur u kien anke` jkollu s-soghla u gieli kien ikun qed jiekol miz-zibel. Eventwalment ma deherx aktar fl-akkwata ghax ingabar mill-Animal Welfare Department. B'referenza ghar-ritratti ezebiti a Fol. 63-65, ikkonfermat li hija ghamlet dawk il-posts fuq Facebook u li l-kelb li jidher fihom huwa dak in kwistjoni. In kontro-ezami, qablet mas-suggeriment li l-kelb huwa mdahhal fiz-zmien u li fir-ritratti jidher pjuttost nadif.

Fl-istess seduta xehed bil-lingwa Ingliza **Thomas Liam Butler**[15]. Spjega li gieli kien ikun fil-gallarija fir-residenza tieghu fil-Mosta u kien jinnota l-kelb idur barra bhal qisu mitluf u jgerfex fiz-zibel. Minhabba li huwa stess huwa voluntier mal-Animal Welfare Department ha interess. Muri r-ritratti ezebiti in atti, ikkonferma li hemm semblanza kbira mal-kelb li kien jara jdur barra.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Pia Serra**[16]. Ikkonfermat li madwar sena qabel, hija kienet ghamlet rapport mal-Animal Welfare Department minhabba li kienet tara l-kelb in kwistjoni jdur barra u jgerfex fiz-zibel. Minhabba li hija stess voluntiera mal-Animal Welfare Department, kient haga naturali li tiehu interess, specjalment ghax kien evidenti li l-kelb kien ta' gewwa u allura kien mifxul u b'riskju li jittajjar. Gharfet il-kelb mir-ritratti ezebiti in atti u tiftakar li kellu halqu jinten hafna. In kontro-ezami qablet li fir-ritratti, l-kelb jidher nadif u li huwa mdahhal fiz-zmien, madankollu kkummentat li snienu kienu fi stat hazin hafna b'negligenza.

Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2023 xehdet **Rosalind Agius**[17] in rapprezentanza ta' AAA Sanctuary. Ikkonfermat li l-kelb in kwistjoni iddahhal fis-santwarju fit-3 ta' Frar 2022 mill-Animal Welfare Department. Inghtat ukoll id-dokumentazzjoni medika tal-kelb u struzzjoni li ma kienx ser jinghata lura lil

[15] Fol. 82-86 tal-atti processwali
[16] Fol. 87-90 tal-atti processwali
[17] Fol. 77-83 tal-atti processwali

sidu. Spjegat li fl-istat li kien, il-kelb kellu bzonn hafna kura ghax kien jidher li hemm problemi fil-fwied u l-kliewi tant li kellu zaqqu minfuha. Kellu ukoll snienu kollha mhassrin tant li bil-kemm seta' jiekol. Inghata trattamenti ukoll habba problema f'ghajnejh u soghla kronika. Imbaghad, wara li rkupra sewwa, f'Lulju 2022 gie re-homed ma familja idoneja. In kontro-ezami spjegat li l-eta` tal-kelb kienet madwar 11-il sena izda l-problemi li kellu ma kienux relatati mal-eta` ghax bil-kura adekwata kollha ssolvew.

Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2023 xehdet minn rajha l-imputata **Anna Vella**[18]. Spjegat li l-kelb in kwistjoni kien ilu ghandha 9 snin u dejjem kienet tiehu hsiebu, titimghu, tahslu u zzommu gewwa. Tghid li jekk kien hemm xi drabi li kien qed idur barra dawn kienu minimi u *'forsi kien johrog sakemm immur nixtri'*. Tiffereri ghad-data tal-25 ta' Jannar 2022 bhala okkazjoni partikolari meta hargilha il-kelb u aktar tard irceviet telefonata li l-kelb qieghed l-Imtarfa u fil-fatt, kienu marru hi u t-tifla fl-Imtarfa jfittxuh. In kontro-ezami tinnega li l-kelb kellu xi kundizzjoni partikolari f'ghajnejh u tghid li kien imdahhal fiz-zmien.

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 xehed **Renzo Vella**, it-tifel tal-imputata[19]. Spjega li l-kelb in kwistjoni kien il-pet tal-familja u originarjament kienet sabitu ommu f'ghalqa abbandunat u ddecidiet li zzommu u kien ilu ghandhom mad-9 snin. Matul il-guranta kienet tiehu hsiebu ommu u gieli missieru kien jiehdu l-ghalqa mieghu. Spjega li l-kelb kien jiekol, jixrob u jorqod fid-dar b'referenza ghall-allegazzjoni li l-kelb kien ikun qed jiekol miz-zibel. B'referenza ghall-fatti mertu ta' dawn il-proceduri, jghid li ommu kienet gejja bix-xirja u sakemm kienet qed iddahhal il-basktijiet, il-kelb hareg barra u b'differenza mis-soltu, ma rritornax mal-ewwel. Hekk kif wasal lura d-dar wara li ma sabx il-kelb, ommu rceviet telefonata li l-kelb kien qieghed l-Imtarfa izda xejn izjed dettalji. Dwar sahhet il-kelb, jghid li kienu jiehduh ghand il-veterinarju Dr Gruppetta u

[18] Fol. 95-98 tal-atti processwali
[19] Fol. 101-107 tal-atti processwali

kien jghilhom li l-kelb qed imajna minhabba l-eta` izda huma preferew li jhallu n-natura tiehu l-kors taghha milli jraqqduh. In kontro-ezami jikkoncedi li l-kelb kien johrog mid-dar wahdu fuq bazi regolari, u jmur wahdu fl-ispazji miftuha vicin id-dar biex jaghmel il-bzonnijiet tieghu izda kien obidjenti bizzejjed biex dejjem jirritorna lura d-dar kif ilesti.

**Ikkunsidrat**

**Provi li tresssqu**

Il-prosekuzzjoni esebit il-kwerela tad-Direttur ghall-Harsien tal-Annimali u tal-Kap tas-Sezzjoni tal-Infurzar u Raprezentant tad-Direttorat ghall-Harsien tal-Annimali li biha jitlob li jittiehdu passi kontra l-imputata Anna Vella tar-reati kriminali komessi minnha.[20]

Illi mix-xhieda ta' Daniel Carmel Briffa gew esebiti informazzjoni dwar l-istat tal-kelb in kwistjoni.[21] Mill-ezami li saret irrizulta li l-kelb kien bil-guh u li kellu z-zaqq minfuha. Irrizulta wkoll li l-kelb kellu *intestinal worms* u inghata trattament dwar dan u li kellu kataretti avanzati f'ghajnejh kif ukoll l-artriti. Illi mil-kumplament ta' l-ezami ma irrizultawx abnormalitajiet ohra u l-istat tieghu kien normali. Sussegwentement l-istess xhud ipprezenta korrispondenza[22] li ircieva minn ghand certu Louise Arpa li jispjega l-mod kif graw l-affarijiet kif ukoll konferma fuq min huwa registrat il-kelb. L-istess xhus esebixxa wkoll sensiela ta' Facebook posts fejn huwa mxandar il-kelb jigri wahdu fit-triq u b'nies juri t-thassib taghhom dwar is-sigurta tieghu.[23] Illi minn dawn ir-ritratti jidher il-kelb in kwistjoni kemm bin-nhar kif ukoll filghaxija.

[20] Folio 7-9 ta' l-atti processwali
[21] Dok B1 u B2, Folio 15-19 ta' l-atti processwali
[22] Dok DB4 u DB5, Folio 59-60 ta' l-atti processwali
[23] Folio 61-65 ta' l-atti processwali

Illi x-xhud it-tabiba Maria Karagouni ipprezentat rapport[24] fejn iccertifikat l-istat tal-kelb bhala tlieta (3) minn hamsa (5). Illi l-kelb kien anzjan ta' hdax il-sena u *life expectancy* tar-razza tieghu hija ta' tnax il-sena. Il-kelb kellu l-kataretti u ma setax jaraw sew, hsara fis-snin u zaqqu minfuha kif ukoll li s-saqajn ta' wara ma kienux jifilhuh.

Illi mix-xhieda ta' Rosalind Agius gew esebiti dokumenti li juru li l-kelb in kwistjoni kien ircieva trattament f'halqu ghal snienu. Illi mill-istess xhieda gie ikkonfermat li l-problema li soffra l-kelb ma kienux relatati ma l-eta' tieghu ghaliex kollha setghu jissolvew b'kura adattata.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni tal-partijiet**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kaz fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2024, liema trattazzjoni giet traskritta[25]. Il-prosekuzzjoni sahqet li l-punt centrali huwa li l-kelb kien fi stat hazin hafna ta' sahha tant li bil-kemm kien jista' jimxi, kien kwazi nieqes mid-dawl u kellu hafna snien imhassra, fatti li jirrizultaw minn dak li ddeponew diversi xhieda f'dawn il-proceduri. Tirreferi ukoll ghall-fatt li bosta girien ikkonfermaw li fuq certu trapass ta' zmien kienu jaraw il-kelb idur barra u sahansitra jiekol miz-zibel u li dan huwa ikkonfermat ukoll permezz ta' ritratti. In sostenn tal-pozizzjoni taghha, il-prosekuzzjoni tirreferi ghas-sentenzi fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Felice Delia u Lucas Vassallo* u *Il-Pulizija vs Carmel Sacco*. Tikkonkludi billi tghid li huwa car li l-imputata kienet il-persuna responsabbli mill-kelb u naqset milli taghtih il-kura misthoqqa.

Id-difiza tiftah tghid li -punt ta' partenza huwa li l-imputata u l-familja taghha offriet kenn lil dan il-kelb meta kien abbandunat barra u zammitu fid-dar. Tissottometti li hafna mill-problemi li kellu l-kelb kienu dovuti ghall-eta`

[24] Dok MK1, Folio 46-48 ta' l-atti processwali
[25] Fol. 109-119 tal-atti processwali

matura tieghu u sa certu punt, minhabba l-eta` kien ikun aktar ta' strapazz kieku saru certu interventi fuqu bhal operazzjoni tal-katarretti. Dwar il-fatt li l-kelb intlemah jiekol miz-zibel, inghad li minkejja li jkun mitmugh tajjeb, hija fin-natura tal-kelb li x'hin ixomm l-ikel imur ghalih. Tghid li meta hareg il-kelb u baqa' sejjer lejn l-Imtarfa kien incident partiklari u kien mahmug ghax probabbilment thammeg mit-triq fl-inhawi ta' Triq Durumblat, lejn Ta' Qali. Tikkonkludi tghid li l-familja ma xtaqitx traqqad il-kelb ghax kien parti mill-familja izda minhabba l-eta`, il-kundizzjoni tieghu kienet dik li hi izda ghall-anqas kien mitmugh u kellu saqaf fuq rasu.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti mhuiex ikontesta illi l-imputata hija s-sid u l-persuna responsabbli tal-annimal in kwistjoni u cioe il-kelb mertu tar-rapport. Ghaldaqstant bhala bazi preliminari huwa accetta li l-imputata hija l-persuna korretta li tista tassumi r-responsabilita o meno ta' dan il-kelb.

Li huwa ikkontesta mid-difiza huwa jekk bl-azzjonijiet taghha fejn halliet il-kelb jigri barra fit-triq kienitx qed titraskurah. Huwa ikontestat ukoll li l-problemi tas-sahha li kellu l-kelb kienu kollha mertu ta' l-eta li ghandu u mhux b'negligenza ta' l-imputata.

Illi mill-provi li tressqu jirrizulta li kien hemm diversi ilmenti minn persuni tal-pubbliku li kienu qed josservaw kelb b'kullar jigri barra wahdu fit-triq. Illi tant kienet saret ta' preokupazzjoni li l-istess nies li kienu qed josservaw il-kelb bdew itellghu *posts* fuq Facebook jitolbu sabiex ikun hemm interventi dwar il-kelb. Illi mir-ritratti il-kelb ma jidhirx mahmug izda jidher bic-car li dan il-kelb huwa bla sid idur wahdu minghajr direzzjoni partikolari.

Illi mix-xhieda medici irrizulta li l-kelb kellu diversi ilmenti li kienu jehtiegu l-kura. Illi wara li dan il-kelb ircieva l-kura, li s'sintendi tiswa l-flus huwa irkurpra f'diversi aspetti partikolarment f'zaqqu u f'halqu. Illi mix-xhieda

irrizulta li uhud mill-problemi tal-kelb ma kienux jispettaw minhabba l-eta avanzata tieghu izda ghaliex kien qed jigi traskurat u imcahhad minn kura.

Il-Qorti ghalhekk tqis li minkejja l-ispjegazzjoni li tat l-imputata u t-tifel taghha ma kienx hemm raguni valida u gustifikabbli jew li legalment jiskulpa tal-mod kif dan il-kelb gie spicca.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat u ghalhekk sejra tghaddi sabiex issibu hati.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(2), 8(3), 8(4), 45(1)(a) u 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll is-subregolament 2 tar-regolament 6 tal-L.S. 437.101 u s-subregolament 5(1) tal-L.S. 439.21, issib lil Anna Vella **hatja** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontriha u tikkundannaha multa ta' elfejn Euro (€2,000) li ghandhom jithallsu fi zmien sentejn millum skont l-artikolu 14(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' l-ispejjez maghmula mid-Dipartiment ghas-Servizzi Veterinarji bhala rizulta ta' dan ir-reat, din il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 45(3) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 16(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 439.03 tal-Ligijiet ta' Malta peress li tali spejjez baqghu ma gewx ikkonfermati bil-gurament mid-dipartiment ikkoncernat u lanqas ma gew ikkwantifikati fl-intjier taghhom.

Inoltre` wara li rat il-proviso ta' l-artikolu 45 tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputata qed tigi projbita milli zzomm klieb jew milli tirrisjedi f'post fejn jinzammu klieb għal zmien sena mil-lum.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar id-9 ta' April 2024 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**